MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1264/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Annabelle Camilleri (Monreal)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Annabelle Camilleri (Monreal) ta' 29 sena, bint Martin Monreal u Rose Mary nee' Busuttil, imwielda Pieta' fit-18 ta' Mejju, 1985, residenti gewwa 'Summerfields Flats' Penthouse, Triq il-Qawra, Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 311185M.

Akkuzata talli f' Dicembru 2014 u fix-xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda; b' mezzi kontra il-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b' qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b' ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn hames mitt (500) ewro, ghad-detriment ta' James Celeste ID Card 219500(L), Tina Yashchuk ID Card 120277(A), Valeria Tamburin, Kurt Lanzon ID card 99596(M), Yanika Cuschieri ID card 238795(M), Elitsa Ivanova, ai terminu ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprijat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' aktar minn hames mitt (500) ewro, ghad-detriment ta' James Celeste ID Card 219500(L), Tina Yashchuk ID Card 120277(A), Valeria Tamburin, Kurt Lanzon ID card 99596(M), Yanika Cuschieri ID card 238795(M), Elitsa Ivanova, ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzata ukoll talli saret recidiva b' diversi sentenzi moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu

mibdula, ai terminu ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Akkuzata ukoll talli kisret il-provvedimenti ta’ l-artikolu 28A *et sequitor* billi kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha b’ sentenza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati datata 02.12.2013

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-18 ta’ Dicembru, 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha .

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-ewwel u tat-tielet akkuza migjuba kontra taghha.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li l-imputata hija recidiva fejn l-imputata diga' nghatat l-opportunita' li tirriforma ruhha izda jidher li m' gharfitx tiehu l-opportunita' li tirriforma ruhha u ghalhekk fic-cirkostanzi jidher li l-aktar piena idoneja tkun wahda karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 49, 50, 28A sa H, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha disa' (9) xhur prigunerija. Il-Qorti inoltre tordna li l-perjodu ta' sentejn prigunerija sospizi li giet ikkundannata l-imputata permezz ta' sentenza tat-2 ta' Dicembru, 2013 jigu rezi operattivi sabiex b' hekk l-imputata ghandha tiskonta perjodu kumplessiv ta' sentejn u disa' xhur prigunerija.  Stante li t-tieni mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputata instabet hatja l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------